MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 756/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**1. M.A.M. Farrugia Construction Limited (C 24004 , u**
**2. Martin u Alison mizzewgin Farrugia K.I. numri 500077 (M) u 580978 (M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 31 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datati 15 ta' Novembru 1999 (Dok. "A"), 27 ta' Dicembru 2000 (Dok. "B"), u 30 ta'

Awwissu 2002 (Dok. "C" u Dok. "D") is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-M.A.M. Farrugia Construction Limited.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' M.A.M. Farrugia Construction Limited fis-somma ta' tliet mija u sitta u sebghin elf, disa' mija u tmienja u disghin ewro u sebgha centezmi (€376,998.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" ta' M.A.M. Farrugia Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E 1” sa “E 23” u Dok. "F 1” sa “F 3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Lulju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi permezz tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datati fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datati 15 ta' Novembru 1999 (Dok. "A"), 27 ta' Dicembru 2000 (Dok. "B"), u 30 ta' Awwissu 2002 (Dok. "C" u Dok. "D"), u permezz ta' erba' skritturi privati datati 11 ta' Ottubru 1999 (Dok. "G"), 10 ta' Awwissu 2000 (Dok. "H"), 29 ta' Dicembru 2000 (Dok. "I") u 22 ta' Marzu 2002 (Dok. "J"), il-konvenuti Martin u Alison mizzewgin Farrugia iggarantew flimkien u *in solidum* ma' M.A.M. Farrugia Construction Limited, id-debiti tal-istess M.A.M. Farrugia Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.,

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok."A" sa Dok. "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi M.A.M. Farrugia Construction Limited u Martin u Alison mizzewgin Farrugia.

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess M.A.M. Farrugia Construction Limited u Martin u Alison mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attrici *nomine* taf bil-fatti fuq imsemmija personalment

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 21 ta' Awwissu 2006 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. “K” u “L”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" sa Dok. "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi M.A.M. Farrugia Construction Limited u Martin u Alison mizzewgin Farrugia: (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess M.A.M. Farrugia Construction Limited u Martin u Alison mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil M.A.M. Farrugia Construction Limited u lil Martin u Alison mizzewgin Farrugia jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u sitta u sebghin elf, disa' mija u tmienja u disghin ewro u seba' centezmi (€376,998.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" ta' M.A.M. Farrugia Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E 1” sa “E 23” u Dok. “F 1” sa “F 3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Lulju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datati 21 ta’ Awwissu 2006 (Dok. “K” u “L”) li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici.

Rat in-noti rispettivi tall-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------